


Paġna Ewlenija > ... > Proċeduri Tal-qorti > Kawżi Ċivili > Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati > Hungary

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

 Ungerija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva, dan huwa possibbli. Ir-regoli dettaljati ta' komunikazzjoni mal-qrati b'mezzi elettroniċi huma aċċessibbli fuq <https://birosag.hu/e-per-2018/e-kapcsolattartas-altalanos-tajekoztato> u l-links relatati.

2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, g'hal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Bidla importanti meta mqabbla ma' regolamenti preċedenti dwar proċedimenti li jistgħu jinbdew fuq l-internet hija li g'hal ċerti proċedimenti kontenzjużi u mhux kontenzjużi mibdija fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara, il-partijiet mhux biss g'ħandhom l-opportunità li jwettqu l-affarijiet tagħhom b'mod elettroniku, iżda g'ħandhom id-dmir li jagħmlu dan. G'ħalhekk, b'halha regola ġenerali, kwalunkwe operatur ekonomiku, Stat, muniċipalitá, aġenzija baġitarja, prosekutur pubbliku, nutar, korp pubbliku, korp amministrattiv ieħor li jaġixxi b'halha klijent u r-rappreżentant legali ta' tali klijent huma obbligati li jwettqu l-affarijiet tagħhom b'mod elettroniku.

Barra minn hekk, ċerti tipi ta' każijiet jistgħu jsiru biss b'mod elettroniku irrispettivament minn jekk il-partijiet ikunux qed jaġixxu f'xi waħda mill-kapaċitajiet imsemmija hawn fuq. Pereżempju, proċedura għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija (jew bidla fid-*data* tal-kumpanija) tista' tinbeda biss elettronikament u fil-proċeduri tar-reġistrazzjoni ċivili applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata b'mod elettroniku biss jekk, pereżempju, ir-rikorrent jitlob proċedura simplifikata għar-reġistrazzjoni (bidla tad-*data*) jew organizzazzjoni tippreżenta applikazzjoni biex tiġi kkwalfikata b'halha entità ta' benefiċċju pubbliku, filwaqt li korpi li diġà huma entitajiet ta' benefiċċju pubbliku jistgħu jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom elettronikament biss wara din id-*data*.

Jekk rikorrent ma jkunx meħtieġ juża mezzi elettroniċi, xorta jista' jagħżel li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu elettronikament.

3 Din il-faċilitá hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Iva, din il-faċilitá hija disponibbli f'kull ħin ħlief g'hal perjodi ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni skedati u ħsarat mhux previsti fl-operat tas-sistema. Il-limiti ta' żmien stabbiliti f'jiem u jiem tax-xogħol mil-leġiżlazzjoni jew mill-qorti ma jinkludu l-ebda jum - jew g'hal limiti ta' żmien stabbiliti f'xhur u snin il-jum tal-iskadenza - li fih ħsara jew interruzzjoni ta' servizz, kif definiti fil-leġiżlazzjoni, damu aktar minn erba' sigħat. Jekk terminu stabbilit f' sigħat kellu jiskadi waqt ħsara jew interruzzjoni tas-servizz, kif definiti fil-leġiżlazzjoni, il-limitu ta' żmien jiskadi fi tmiem l-ewwel siegħa wara l-bidu tal-ħinijiet tal-uffiċċju fil-jum tax-xogħol li jkun imiss. Jekk l-interruzzjoni tas-servizzi elettroniċi taqbeż jum wieħed tax-xogħol, il-korp li jipprovdni servizzi ta' amministrazzjoni elettronika jrid jipprovdni

għar-riċeviment u l-ipproċessar tas-sottomissjonijiet tal-klijenti b'mod li ma jirrikjedix mezzi elettroniċi, anki f'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tippermetti biss ipproċessar elettroniku għal dak it-tip ta' proċedura.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Fejn teżisti formola standard għall-preżentazzjoni ta' rikors (sottomissjoni) jew tal-hemża tiegħu, din ma tistax tinbidel, u għalhekk il-format tad-*data* ma jistax jiġi mmodifikat lanqas. Il-formoli jistgħu jinqraw hawn: <https://birosag.hu/> u jistgħu jimtlew bl-għajnuna tal-Programm Általános Nyomtatványkitöltő (il-programm qafas għall-mili tal-formoli). Skont id-Digriet tal-Gvern Nru 451/2016 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar ir-regoli dettaljati tal-amministrazzjoni elettronika u l-ordni tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-formati tal-fajls li jistgħu jiddaħħlu f'fajls elettroniċi tal-qorti speċifiċi huma: .odt, .doc, .docx, .pdf, .txt, .xlsx, .ods, .tif, .tiff, .bmp, .jpg, .jpeg, .png, .mp4, .m4a, .avi, .mp3, .wav. Mal-formoli jistgħu jitwaħħlu hemżiet f'dawn il-formati li ġejjin: .dossie, .dossirt, .3, .etv, .eak, .et3, .nsac, .pdf, .asic jew .asice. Huwa importanti li d-daqs tal-fajls individwali mehmuża mal-formoli ma jkun aktar minn 150 MB, filwaqt li d-daqs totali tal-attachments kollha mehmuża mal-formoli ma jistax jaqbeż it-300 MB. Jekk id-daqs totali tal-hemżiet li għandhom jiġu mehmuża mal-formola jew is-sottomissjoni, madankollu, jaqbeż il-limitu tad-daqs ta' 300 MB, il-fajls li għandhom jiġu mehmuża jistgħu jiġu sottomessi fuq mezz ta' ħażna, bħala hemża għal formola speċjali Nru 28 imfassla għal dan il-għan, f'numru ta' kopji li huwa wieħed aktar min-numru ta' partijiet ikkonċernati mill-każ. Il-Qorti taċċetta biss sottomissjonijiet fuq CD R-, CD R +, DVD R, DVD R + u USB bħala mezzi ta' ħażna.

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Fi proċeduri elettroniċi, it-trażmissjoni u l-ħżin tad-*data* sikuri huma żgurati permezz tal-għodod tal-IT li jiproteġu s-sistemi tal-komunikazzjoni, tal-konsenja u dawk amministrattivi interni. Il-proċeduri jistgħu jitwettqu online biss permezz ta' "client gateway" ('*ügyfélkapu*'), "company gateway" ('*cégkapu*') jew 'official gateway' ("*hivatali kapu*"), wara reġistrazzjoni minn qabel. It-trażmissjoni u l-ħżin tad-*data* huma żgurati pereżempju minn servizzi ta' identifikazzjoni elettronika, minn servizzi ta' konsenja sikura u minn servizzi tal-firem elettroniċi, kif ukoll mid-dispożizzjonijiet stretti stipulati fl-Att L tal-2013 dwar is-sigurtà tal-informazzjoni elettronika tal-Istat u tal-gvernijiet lokali u leġiżlazzjoni relatata oħra.

Pereżempju, persuni li jikkomunikaw b'mezzi elettroniċi għandhom l-opportunità li jibagħtu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-qorti kriptati bil-kodiċi ta' kriptaġġ tagħhom stess flimkien mal-użu tal-kodiċi ta' kriptaġġ rilaxxat mill-qorti. Il-kodiċi ta' kriptaġġ jintbagħat lill-qorti bħala parti mis-sottomissjoni tal-persuna li tikkomunika b'mezzi elettroniċi u f'tali każijiet il-qorti tinnotifika d-dokumenti tal-qorti lill-persuna li tikkomunika b'mezzi elettroniċi b'mezz elettroniku kriptat bil-kodiċi ta' kriptaġġ ta' dik il-persuna.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

Sottomissjoni ppreżentata b'mezzi elettroniċi lill-qorti trid tiġi ppreżentata b'tali mod li

- il-firmatarju jkun żied il-firma elettronika kwalifikata tiegħu/tagħha jew il-firma jew is-siġill elektroniku avanzat tiegħu/tagħha abbażi ta' ċertifikat kwalifikat fid-dokument elektroniku u jkun għamillu timbru tal-ħin, fejn dan ikun meħtieġ mil-liġi,
- il-firmatarju jawtentika d-dokument elektroniku bl-użu ta' servizz ta' awtentikazzjoni tad-dokument ibbażat fuq l-identità, jew
- id-dokument elektroniku nħoloq fil-qafas ta' servizz fejn il-fornitur tas-servizz ikun assenja d-dokument lill-persuna li tkun ħarġitu billi jidentifika l-emittent u l-assenjar lil tali persuna jkun ġie ċertifikat b'mod awtentiku b'informazzjoni li tista' b'mod ċar tkun intraċċata lejha firma b'idejn l-emittent jew fuq il-bażi ta' tali informazzjoni, u l-fornitur tas-servizz ikun ħareġ ċertifikat li jkun assenja b'mod ċar id-dokument lill-persuna fi klawżola li tkun marbuta mad-dokument elektroniku u li ma tistax tinfired minnu u l-fornitur tas-servizz ikun żied mal-klawżola, u mad-dokument, tal-anqas siġill elektroniku avanzat u tal-anqas timbru tal-ħin avanzat.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

Tariffi tal-qorti u t-tariffi pagabbli għal proċeduri huma l-istess kemm għall-proċedimenti bbażati fuq il-karta kif ukoll għal dawk elettroniċi.

Jekk hemm obbligu li titħallas tariffa, minbarra li tindika dan fl-applikazzjoni, l-entrata "Tariffa li trid titħallas" (fuq il-formola li trid tiġi sottomessa) trid timtela' wkoll bl-ammont xieraq u mbagħad it-tariffa tista' titħallas skont il-konferma tal-wasla rċevuta b'mod awtomatiku wara s-sottomissjoni tal-formola. It-tariffa tista' titħallas permezz tas-Sistema Elettronika ta' Ħlas u Saldu ('*Elektronikus Fizetési és Elszámolási Rendszer*' - EFER), li tippermetti t-twettiq ta' obbligu ta' ħlas fuq il-Portal tal-Ħlas Ġudizzjarju ('*Igazságügyi Fizetési Portál*') minn VPOS/interface għas-servizzi bankarji mid-dar. Metodu ieħor għall-ħlas tal-miżati huwa li t-tariffi jiġu trasferiti fil-kont tal-qorti reġjonali miżmuma mit-Teżor tal-Istat Ungeriż għal dan il-għan.

Fil-każ ta' proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' kumpaniji (jew bidla fid-*data* ta' kumpanija) it-tariffi għall-proċedura u l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni huma pagabbli, b'mezzi elettroniċi, qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (jew bidla tad-*data*), li tindika n-numru tal-fajl għall-ħlas tat-tariffi u l-ispejjeż, li tista' titniżżel mis-sit web tas-Sistema tal-Informazzjoni għall-Kumpaniji. It-tariffi għandhom jitħallsu permezz ta' trasferiment fil-kont tal-Qorti Kummerċjali miżmum għal dan il-għan mat-Teżor tal-Istat Ungeriż filwaqt li l-ispiża tal-pubblikazzjoni hija pagabbli lill-kont tat-teżor tal-Ministeru mmexxi mill-ministru tal-ġustizzja.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdev permezz tal-internet?

Mhuwiex teknikament possibbli li dokument jiġi rtirat ladarba jkun ġie sottomess. Il-proċedimenti jistgħu jitwaqqfu (jew applikazzjonijiet oħra jew appelli jiġu rtirati) strettament f'konformità mar-regoli tal-proċedura ċivili. Il-partijiet li jagħżlu proċedura elettronika għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-partijiet li jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom fuq karta.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

L-amministrazzjoni elettronika ma tiddependix fuq il-forma li r-rikorrent għażel sabiex iwettaq l-affarijiet tiegħu jew tagħha; minflok, din tiddependi fuq jekk il-konvenut ikunx meħtieġ iwettaq l-affarijiet tiegħu jew tagħha elettronicament. Jekk il-konvenut ikun persuna meħtieġa li twettaq l-affarijiet tagħha b'mod elettronicu skont il-Mistoqsija 2, bħala regola ġenerali, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni dwar il-pretensjoni biss permezz tal-internet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, inkella s-sottomissjoni tiegħu tkun invalida. F'każijiet oħra, il-konvenut jista' liberament jagħżel jekk jixtieqx iwieġeb fuq karta jew b'mezzi elettroniċi. Jekk il-konvenut jagħżel li jipproċedi b'mezzi elettroniċi (is-sottomissjoni tad-dokumenti b'mezzi elettroniċi), għandu jikkomunika mal-qorti matul il-proċedura b'mezzi elettroniċi u l-qorti tinnotifika wkoll id-dokumenti kollha tal-qorti lil dik il-parti b'mezzi elettroniċi. Jekk parti li tipproċedi mingħajr rappreżentanza legali jew ir-rappreżentant tal-parti li ma jkunx jikkwalifika bħala rappreżentant legali jkunu ntrabtu li jikkomunikaw b'mod elettronicu mal-qorti, il-qorti tista' tintalab wara sabiex tawtorizza tranżizzjoni għal proċedura bbażata fuq il-karta fl-istess ħin li titressaq sottomissjoni fuq il-karta. L-applikazzjoni trid turi li, minħabba bidliet fis-sitwazzjoni tal-parti jew tar-rappreżentant tagħha, it-tkomplija tal-proċedura b'mezzi elettroniċi tkun tirrappreżenta piż sproporzjonat.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

L-istess regoli japplikaw fi proċeduri elettroniċi u dawk ibbażati fuq il-karta.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Ara r-risposti għall-Mistoqsijiet 9 u 10.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Jekk f'każ partikolari l-amministrazzjoni elettronika tkun obligatorja għall-parti jew jekk il-parti tkun għażlet din il-forma ta' amministrazzjoni, id-dokument u l-hemżiet tiegħu jridu jiġu sottomessi fuq formola standard - jekk tkun disponibbli - u l-formola li għandha tintuża f'dan il-każ ma tistax tiġi editjata. Jekk ma jkun hemm l-ebda formola standard disponibbli għal dokumenti jew hemżiet, il-partijiet għandhom jissottomettu tali dokumenti u hemżiet f'format li jikkorrispondi ma' xi wieħed mill-formati tad-dokumenti approvati mill-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura u elenkati taħt il-Mistoqsija 4 skont ir-regoli deskritti hemm. (Eżenzjonijiet mill-obbligu li d-dokumenti jiġu sottomessi b'mezzi elettroniċi huma speċifikati fil-leġiżlazzjoni, għalhekk bħalissa huwa eżenzjoni mill-obbligu tas-sottomissjoni permezz ta' mezzi elettroniċi l-każ fejn dokument ikollu jiġi ppreżentat u spezzjonat f'forma fuq karta fil-proċedura, li jista' jseħħ b'mod partikolari jekk tiġi kkontestata l-awtentiċità ta' dokument fuq karta.)

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Iva, dan huwa possibbli. Id-dokumenti tal-qorti jiġu nnotifikati mill-qorti b'mezzi elettroniċi lill-partijiet li jipproċedu b'mezzi elettroniċi fuq il-bażi tar-regoli deskritti fil-Mistoqsijiet 2 u 9. Id-dokumenti tal-qorti li jkun għew innotifikati b'mod elettroniku jintbagħtu lill-faċilità tal-ħżin tad-dokumenti online ta' min ikun qed jibgħat id-dokument fil-client gateway, il-gateway uffċjali jew il-gateway tal-kumpanija, fejn id-dokument ikun jista' jiġi riċevut billi tinfetaħ il-ħolqa tal-internet li tindika d-dokument. Id-dokument jitqies li jkun għe nnotifikat meta jinfetaħ u s-sistema tiġġenera rikonoxximent elettroniku tas-servizz li jintbagħat awtomatikament lill-qorti.

Il-posta notifikata fl-indirizz uffċjali titqies li tkun għet notifikata fil-ħin indikat fuq ir-rikonoxximent ta' rifjut anki jekk il-fornitur tas-servizz tal-indirizz uffċjali jikkonferma li d-destinatarju rrifjuta l-kunsinna tal-posta jew fil-ħames jum tax-xogħol wara l-ħin indikat fit-tieni avviż jekk il-fornitur tas-servizz tal-indirizz uffċjali jikkonferma li d-destinatarju ma jkunx ħa l-posta minkejja li jkun għe nnotifikat darbtejn.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Iva, ara t-tweġiba għall-Mistoqsija 13.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Parti li hija obligata tikkomunika b'mezzi elettroniċi jew li qabel tkun għażlet komunikazzjoni elettronika trid ukoll tippreżenta appell b'mezzi elettroniċi, filwaqt li kwalunkwe parti li tkun użat dokumenti bil-miktub sas-sottomissjoni tal-appell tista' tagħmel tranżizzjoni lejn amministrazzjoni elettronika anki meta jiġi ppreżentat l-appell. Id-Deċiżjoni tal-qorti dwar l-appell tiġi nnotifikata wkoll b'mod elettroniku lil parti li tkun obligata tikkomunika b'mezzi elettroniċi jew li tkun għażlet dan il-mezz ta' komunikazzjoni, skont ir-regoli deskritti taħt il-Mistoqsija 13.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Iva, dan huwa possibbli. Jekk l-amministrazzjoni elettronika tkun obligatorja skont il-liġi, il-ftuħ tal-proċedimenti b'dan il-mod naturalment huwa obligatorju wkoll. Parti li ma tkunx suġġetta għal tali obbligu għandha wkoll id-dritt li tibda proċedimenti elektronikament; madankollu, hija għandha l-ewwel taċċetta bil-miktub it-termini u l-

kondizzjonijiet tal-użu tas-sistema tan-notifika tal-Kamra Ungeriża tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

F'ċerti proċedimenti, bħal proċedimenti ta' kumpaniji, iva.

■ L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.